# KUNSILLI SKOLASTIĊI

## Is-Sehem Tiegħek Jagħmel Differenza

L-elezzjonijiet għall-Kunsilli Skolastiċi fl-Iskejjel tal-Istat ser isiru bejn Jannar u Frar 2021. F'dawn l-elezzjonijiet jiġu eletti l-membri tal-Kunsilli Skolastiċi għas-sentejn li ġejjin (Jannar 2021 - Diċembru 2022).

Il-Kunsilli Skolastiċi fl-iskejjel Primarji, Medji u Sekondarji huma magħmula minn President, il-Kap tal-Iskola li huwa s-segretarju/teżorier, tliet ġenituri u tliet edukaturi. It-tliet ġenituri jiġu eletti mill-ġenituri, filwaqt li t-tliet edukaturi jiġu eletti mill-edukaturi tal-iskola.

Minbarra l-organizzazzjoni u s-sehem f'attivitajiet biex jinġabru l-fondi, f'ħarġiet, f'attivitajiet soċjali u f'ħidmiet simili, il-Kunsilli Skolastiċi għandhom il-fakultà li:

- jamministraw il-fondi tal-Kunsill tal-iskola
- jiddiskutu metodi u mezzi biex tikber il-parteċipazzjoni u kontribuzzjoni tal-ġenituri
- jiddiskutu l-kurrikulu u s-servizzi edukattivi li toffri l-iskola
- jagħmlu suġġerimenti lid-Direttorati tal-Edukazzjoni
- jikkonsidraw it-titjib tal-ambjent fiżiku, kulturali, estetiku u morali tal-iskola
- jiddiskutu problemi relatati mal-istudenti bħala grupp.

Jekk int ġenitur/kustodju titlifx din l-okkażjoni. Għin lill-iskola ta' wliedek billi tikkontesta u tivvota fl-elezzjonijiet tal-Kunsilli Skolastiċi.

***Uri l-interess tiegħek fl-edukazzjoni ta' wliedek***
***Agħti s-sehem tiegħek f'dawn l-Elezzjonijiet***

**Dati importanti:**

| | |
|---|---|
| **11 ta' Jannar 2021:** | **Jiftħu n-nominazzjonijiet** |
| **17 ta' Jannar 2021:** | **Jagħlqu n-nominazzjonijiet** |
| **1 ta' Frar sas-6 ta' Frar 2021:** | **Votazzjoni onlajn mis-sit** *schoolcouncilelections.edu.mt* |